MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 339/2008

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Mall Systems Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici stqarret li s-socjeta konvenuta ghandha thallasha s-somma ta’ elf sitt mija u hmistax-il euro u sittax-il centezmu ta’ euro (€1,615.16) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici n konessjoni mas-servizz ta’ telekomunikazzjoni li jgib in-numru S/C 2659 (CN 991842, AC 10000377) skond diversi kontijiet mibghuta lilha. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra s-sentenza ta’ dan it-Tribunal, kif diversament kompost, datata 30 ta’ Ottubru, 2008 u li permezz taghha t-Tribunal kien laqgha t-talba tas-socjeta attrici.

Ra s-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell datata 27 ta’ Frar, 2009 u li permezz taghha, dik l-Onorabbli Qorti hassret u annullat s-sentenza u regghet irrimandat l-atti lura lit-Tribunal “*biex, prevja d-debita notifikazzjoni mill-gdid ta’ l-att ta’ l-Avviz lis-socjeta konvenuta, il-kawza tipprosegwixxi sal-finalita taghha skond il-ligi*”. Ghar-rigward ta’ l-ispejjez inkorsi sa meta inghatat is-sentenza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, dik l-istess Qorti qalet li “*Fic-cirkustanzi huwa xieraq illi l-ispejjez s’issa inkorsi taz-zewg istanzi jibqghu sopportabbli fi kwoti ndaqs bejn il-kontendenti*”.

Ra li s-socjeta konvenuta giet notifikata mill-gdid bit-talba tas-socjeta attrici u fil-fatt hija intavolat risposta fit-2 ta’ Lulju, 2009 u li permezz taghha stqarret:

i. Illi, preliminarjament, it-talba attrici hija preskritta ai termini tas-subartikolu 2156(f) tal-Kap. XVI;

ii. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u xejn ma huwa dovut lill-attrici mill-konvenuta;

iii. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, is-servizz illi tirreferi ghalih it-talba attrici ilu maqtugh ghal snin twal u s-servizz intuza biss sa Jannar tas-sena 2000 u minn dak iz-zmien l-attrici ma baqghetx tuza il-fond tal-Furjana fejn kien installat is-servizz u l-wires ilhom maqlughin minn dak iz-zmien, ghalhekk xejn ma huwa dovut lill-attrici;

iv. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attrici, inkluzi dawk tan-nota responsiva wara l-ittra ufficjali tal-attrici numru 3908/2007

ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap XII, kontra l-attrici illi hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra l-verbal tas-27 ta' Novembru, 2009 fejn wara li l-partijiet qablu li l-ammont ta' €41.17c huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dr. Ingrid Zammit Yound ghan-nom tas-socjeta attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni tat-talba attrici f'dan l-ammont hawn appena indikat. In vista ta' dan, Dr. Antonio Tufigno iritira l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra l-atti;

Ikkunsidra;

Fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2009 **xehed Dione Barbieri**, direttur tas-socjeta konvenuta. Ghar-rigward tal-linja in kwistjoni, huwa jghid li din kienet linja partikolari bejn zewg postijiet fissi u cioe mill-hanut li kellhom gewwa San Gwann ghal ufficju taghhom li kien gewwa The Mall fil-Furjana. Ix-xhud ighid li meta huma nehhew il-hanut, kienu gew it-*technicians* tas-socjeta attrici u nehhew il-linja. Dan kien madwar tmien snin ilu. Anki fl-ufficju tas-socjeta konvenuta gewwa l-Furjana kienu marru l-addetti tas-socjeta attrici sabiex jnehhu l-linja minn dak il-post. Minkejja dan, ikompli jghid dan ix-xhud, is-socjeta attrici baqghet tohrog kontijiet fil-konfront tas-socjeta minnu rapprezentata u huma, da parti taghhom, kienu javzawhom li ma kellhom ihallsu xejn. Ix-xhud ighid li din il-linja, fizikament, ma baqghetx tezisti u lanqas ma s-socjeta attrici kienet ghadha toffri dan is-servizz (ta' *dail up*) peress li sadanitant kien dahal l-ADSL. Dan ix-xhud, fis-seduta mizmuma fl-1 ta' Marzu, 2011 qal illi huwa dahal jahdem mas-socjeta konvenuta fis-sena 1997 u li sar direttur ta' l-istess socjeta xi zmien wara izda ma ftakarx meta sar.

**Dr. Ingrid Zammit Young** xehdet li ma kienu saru l-ebda hlasijiet mis-socjeta konvenuta u li ghalhekk, "*l-ammont mitlub mis-socjeta attrici kif ridott permezz tan-nota prezentata minni stess fis-27 ta' Novembru tas-sena elfejn u disa' ghadu dovut fl-intier tieghu*".

Permezz ta' nota datata 1 ta' Marzu, 2011, is-socjeta konvenuta pprezentat tlett ittri li hija kienet baghtet lis-socjeta attrici tul medda ta' zmien u li fihom, fi ftit kliem, is-socjeta konvenuta kkontestat bil-qawwa kollha li hija kellha taghti xi flus lis-socjeta attrici.

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 **xehed Dr. Mark Sammut**, azzjonista u direttur tas-socjeta konvenuta. Huwa qal li s-socjeta konvenuta giet iffurmata fis-sena 1991. Ghal bidu, jghid dan ix-xhud, is-socjeta konvenuta kienet topera mill-Furjana izda mbaghad kienu ccaqalqu ghal Hal-Qormi, f'Cannon Road. F'dan l-ahhar indirizz ghamlu sas-sena 2001. Wara reggha kien hemm rilokazzjoni ohra ghal-Ibragg fi Triq il-Kartocc. L-istess xhud jghid li qabel ma dahlet is-sistema ta' l-ADSL f'Malta, is-socjeta attrici kienet tqabbad zewg wires bejn sistema u ohra u din is-sistema kienet tissejjah *leased line* jew *dead line*. Kienet tissejjah hekk peress li ma kienx hemm voltage ghaddej minn go fiha. Fis-sena 1990 kienet giet introdotta s-sistema ta' l-ADSL. Is-socjeta konvenuta wafet mill-uzu tal-*leased line* jew *dead line* proprju meta hija marret fil-fond taghha gewwa Cannon Road. Fil-fatt f'dawk iz-zminijiet bdew juzaw l-ADSL. L-istess xhud ighid li huwa kien konsulent fuq dawn is-sistemi u ghalhekk jaf li meta dahlet is-sitema ta' l-ADSL, "*is-sistema tad-dead line kienet wafet ghal kollox ghax ma setghatx titkompla*". Huwa jghid ukoll li "*wara xi ammont ta' snin li konna waqafna naghmlu uzu minn din id-dead line kont rajt xi kontijiet f'dan ir-rigward. Jiena kont cempiltilhom u staqsejt x'kienu dawn il-kontijiet u minn kien kellimni minn naha tal-GO Mobile anki tal-GO p.l.c. kien qalli li kienu ser jirriversjaw dawn il-kontijiet izda milli jidher dan ma sarx u minflok infethet il-kawza odjerna*". Finalment ix-xhud ighid li "*il-kontijiet tad-dead line jirrigwardaw il-linja ghaddejja mill-ufficju ta' The Mall fil-Floriana sa ufficju iehor li konna ser nifthu fi Triq l-Uqija, Ibragg liema ufficju fil-fatt ma ftahnih qatt*". Fl-gheluq tax-xhieda tieghu, Dr. Sammut ighid li "*jiena ghalija s-socjeta attrici qed titlob il-hlas ta' servizz li ma setghet qatt taghti*".

It-Tribunal ra ukoll id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici mal-avviz promotur;

Ikkunsidra ulterjorment;

1. Mill-provi prodotti, jirrizulta li s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas ta' l-ammont ta' €1,573.99 minghand is-socjeta konvenuta u dan ghal servizzi ta' telefonija rezi minnha lis-socjeta konvenuta. It-tip ta' servizz, skond ma jixhed id-dokument li jinsab esebit a fol. 4 tal-process huwa ta' *leased lines* u jgib id-data tal-25 ta' Jannar, 1999.

2. Is-socjeta konvenuta da parti taghha qeghda tishaqq li hija ma ghanda taghti xejn l-ghaliex hi ma uzatx il-linja in kwistjoni u oltre dan, l-addetti tas-socjeta attrici kienu marru fl-ufficju taghha u nehhew il-wiring ta' dan is-servizz. In sostenn ta' dan, is-socjeta konvenuta resqet ix-xhieda ta' Dione Barbieri – li xehed li kien prezenti meta sar il-qlugh ta' dawn il-wires – u x-xhieda ta' Dr. Mark Sammut li qal li meta dahlet is-sistema ta' l-ADSL, is-socjeta minnu rapprezentata ma baqghetx taghmel uzu mis-sistema ta' *leased line* jew fi kliem ix-xhud *dead line*. Oltre dan l-istess socjeta konvenuta esebiet tlett ittri li hija baghtet lis-socjeta attrici datati 26 ta' Novembru, 1998 (fol. 72), 31 ta' Awissu, 2006 (fol. 73) u 9 ta' Novembru, 2006 (fol. 74) u li permezz taghhom hija dejjem infurmat lill-istess socjeta attrici li l-linji in kwistjoni kienu ilhom li gew skonnettjati sa mis-sena 1997. Di fatti, mill-fax datata 26 ta' Novembru, 1998 is-socjeta attrici tghid li "*we are receiving a bill for 2 leased lines installed at our previous offices in Floriana, however these lines have been disconnected for over a year now!*". Imbaghad fl-ittra datata 31 ta' Awissu, 2006 l-istess socjeta konvenuta tghid li "*The said leased data line (S/C002659) was installed in 1995 and disconnected in 1997. The respective charges were paid during that time*" u "*Maltacom also stopped supporting leased lines with the introduction of ADSL back in 1998. I think it's ridiculous that you kept invoicing us for a service that didn't exist at the time of the respective invoice*". Finalment f'din l-ahhar imsemmija ittra, ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta

ighid "*The said data-line was installed as a bridge between 17, The Mall, Floriana (offices) and 4, Naxxar Road, San Gwann (shop). We sold the said shop in 1997 and moved from the Floriana offices in 1998!*".

3. It-Tribunal jinnota ukoll is-segwenti:

a) il-ftehim esebit mis-socjeta attrici a fol. 4 tal-process jaghmel referenza ghat-*telephone number allocated* mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta. Dan in-numru gie ndikat bhala li huwa S/C002659. Dan huwa l-istess numru li jissemma fl-ittri mibghuta mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici fil-31 ta' Awissu, 2006 (fol. 73) u fid-9 ta' Novembru, 2006 (fol. 74) il-ftehim imsemmi pero jgib id-data tal-25 ta' Jannar, 1999.

b) L-indirizz tas-socjeta konvenuta imnizzel fuq dan id-dokument huwa Mall Systems Ltd – 17, Il-Mall, Floriana.

c) Id-data ta' dan il-ftehim huwa tal-25 ta' Jannar, 1999.

d) It-tielet eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li fiha jinghad hekk: "*is-servizz illi tirreferi ghalih it-talba attrici ilu maqtugh ghal snin twal u s-servizz intuza biss sa Jannar tas-sena 2000 u minn dak iz-zmien l-attrici ma baqghetx tuza il-fond tal-Furjana fejn kien installat is-servizz u l-wires ilhom maqlughin minn dak iz-zmien, ghalhekk xejn ma huwa dovut lill-attrici*".

4. Illi minn dak li inghad hawn fuq, u mill-provi l-ohra kollha prodotti, t-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta konvenuta ma rnexxielix issostni l-eccezzjonijiet taghha. Dan qieghed jinghad a bazi ta' diversi fatturi fosthom li mill-ittri esebiti mill-istess socjeta konvenuta jinghad li s-

servizz ma baqghax jintuza sa mis-sena 1997 u li huma iccaqalqu mill-ufficini taghhom gewwa l-Furjana fis-sena 1998. Pero imbaghad fit-tielet eccezzjoni taghhom jghidu li dan is-servizz baqa jintuza sa Jannar tas-sena 2000 u li minn dak iz-zmien, is-socjeta konvenuta ma baqghetx tuza l-fond taghha gewwa l-Furjana fejn kien installat dan is-servizz. Dan diga huwa bizzejjed fil-fehma tat-Tribunal biex jinnewtralizza l-provi ta' l-istess socjeta konvenuta. Hemm imbaghad ukoll il-fatt li l-ftehim ghal ghoti tas-servizz bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta gie ffirmat fil-25 ta' Jannar, 1999 u l-fond fejn kellhu jigi installat dan is-servizz kien gewwa 17, Il-Mall, Furjana. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jifhem kif is-socjeta konvenuta tghid li ma baqghetx tuza s-servizz sa mis-sena 1997 u li ma baqghetx topera mill-fond taghha gewwa l-Furjana fin-1998 meta l-ftehim ghal *leased lines* gie iffirmat fil-25 ta' Jannar, 1999 u l-indirizz moghti huwa tal-Furjana.

5. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-fax datata 26 ta' Novembru, 1998 u li fih hija ssemmi "*we are receiving a bill for 2 leased lines installed at our previous offices in Floriana, however these lines have been disconnected for over a year now!*" hija referenza ghal xi kwistjoni ohra li s-socjeta konvenuta kellha mas-socjeta attrici precedenti ghall-iffirmar tal-ftehim datat 25 ta' Jannar, 1999 (fol. 4).

6. L-istess haga jinghad ukoll ghar-rigward tal-imsemmija fax datata 26 ta' Novembru, 1998 specifikatament fejn hemm referenza ghall-kliem "*our previous offices in Floriana*" imbaghad fil-25 ta' Jannar, 1999 jigi iffirmat ftehim bejn il-partijiet u jinghata l-indirizz ta' 17, Il-Mall, Furjana u fit-tielet eccezzjoni taghha l-istess socjeta konvenuta tghid li hi ma baqghetx tuza l-ufficini taghha gewwa l-Furjana minn Jannar, 2000.

7. F'dan l-istat ta' incertezza ta' provi da parti tas-socjeta konvenuta, t-Tribunal ma jistax jilqa l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet taghha u konsegwentement sejjer jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta attrici kif ridotta.

8. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, t-Tribunal mhux ser jidhol fiha l-ghaliex din giet irtirata mis-socjeta konvenuta, kif diga nghad fil-verbal datat 27 ta' Novembru, 2009 (fol. 58).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi, previa li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta konvenuta stante li din giet irtirata minnha fil-verbal tas-27 ta' Novembru, 2009, jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u konsegwentement jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta attrici kif ridotta minnha permezz ta' nota pprezentata mill-istess socjeta attrici fis-27 ta' Novembru, 2009 u ghaldaqstant jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf hames mija tlieta u sebghin euro u disgha u disghin centezmi ta' euro (€1,573.99) bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna.

L-ispejjez – salv dawk diga decizi mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell bis-sentenza taghha datata 27 ta' Frar, 2009 – ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------